MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 5

It-Tlieta 20 ta' Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Christopher Bruno – Viċi Sindku

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Il-Viċi Sindku Christopher Bruno ma setax jattendi għal laqgħa ħabba raġunijiet personali

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**5.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Frar 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku :Korrespondenza

**5.3.1** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar il-programm tal-festa tal-lokal 2018 li rċeviet minn naħa tal-banda Sagra Familja. Dan ġie approvat mill-Kunsill kollu u ser ikun qed jintbgħat il-kunsilliera għal informazzjoni tagħhom bħas snin preċedenti.

**5.3.2** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop spjegat laqgħa li kellu l-Kunsill kollu aktar kmieni fix-xahar ta' Marzu ġewwa Smart City fejn min attenda mill-istess Kunsill segwa preżentazzjoni dettaljata fuq binja residenzjali ġdida bl-isem 'the shoreline residences' fejn fost ħafna affarijiet ġew diskussi materji li fihom il-Kunsill jista' jkun ta' għajnuna / gwida kif ukoll il-Kunsill ikonoxxa n-nies uffiċjali involuti f'dan l-istess proġett.

5.3.3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand residenta ġewwa Triq il-Kapuċċini biex tiżdied 'motorcycle bay' fl-inħawi tal-'ġnien' tal-Knisja.

Il-Kunsill saħaq illi dan il-parkeġġ ġdid għandu jiġi approvat mit-TM kif inhu suppost bil-liġi kif ukoll ma jkunx ta' deterent għal nies oħra li jipparkjaw il-karozzi tagħhom f'din l-istess triq. Il-Kunsill issuġerixxa illi dan il-parkeġġ għandu jsir faċċata tal-garage tal-mużew jew inkella isiru 2 'motorcycle bays' la

darba ikun ser jitneħħa parkeġġ normali xorta.

5.3.4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-bqija tal-Kunsill li ma kienx preżenti waqt laqgħa formali li kellu l-Kunsill mal-perm sec tad-dipartiment tal- kunsilli fuq rikjesta f'seduta preċedenti mis-Sur Pawlu Bongailas rigward id- devoluzzjoni ta' stores tal-gvern lill-Kunsill. Hija saħħqet illi l-perm sec ser ikun qiegħed jagħti daqqa t'id lill-Kunsill biex la darba ikun hemm il-possibilta' illi l-istores ikunu jistaw jittieħdu mill-Kunsill hu jkun jista' jkun ta' għajnuna biex niffaċilitaw din il-kwistjoni li ilha għaddejja tant snin.

5.3.5 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop għarfet il-Kunsill dwar solar cinema li ser issir il-Kalkara ( in-naħa tal-bandli fix-xatt tal-Kalkara) minn naħa tal-Valletta 18, fejn dawn tal-aħħar qed jippjanaw cinema barra għal benefiċċju tar- residenti kalkariżi mingħajr ħlas nhar it-18 ta' Settembru 2018 għal ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija. Kulħadd huwa mistieden. Ser ikunu qiegħdin jitqassmu flyers ta informazzjoni dwar din l-attivita' iktar tard fix-xhur li ġejjin.

5.3.6 Is- Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-speċjalment lis-Sur Paul Bongailas rigward il-kwotazzjoni li talab hu f'seduta preċedenti biex jiżdiedu il-bankijiet in-naħa tax-Xatt, fejn hi spjegat llli dawk kienu saru minn ħadid u l-amministrazzjoni ta l-istess kunsill kienet qed issiba diffiċli iġġib kwotazzjoni minn formituri ta' bankijiet. Hija saħħqet ukoll illi tajjeb li nistenew ftit biex naħsbu għal żieda ta' bankijiet dan il-għaliex hija kellha laqgħa formali ma' l-onorevoli Glenn Beddingfield fuq il-proġett kapitali ta' riġenerazzjoni tax-xatt tal-Kalkara biex isir bil-għajnuna tal-gvern ċentrali.

Il-Kunsill qabel illi għal issa tajjeb illi l-manutenzjonijiet kif ukoll żieda ta' għamara ta' barra li jinkludi s-suġġeriment tas-Sur Bongailas spjegat hawn fuq ikunu minimi la darba hemm ċans il-kunsill jitfa' pressjoni fuq il-proġett kapitali.

5.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar possibilta' għal darbohra bħas-snin preċedent li jsir kors b'xejn tal-kompjuter għat-tfal bl-isem 'robotika' fix-xhur li ġejjin.

Il-kunsill qabel unanmimant li dan il-kors għandu jerġa' jsir bħas-sena 2017 wara li l-interess u l-attendenza kienet waħda tajba ħafna.

5.3.8 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop spjegat inċident li kellha residenta kalkariza fi Triq Missjoni Taljana / Rinella minħabba rampi li saru minn naħa ta' individwi biex ikollom ilqgħuh mill-ilma tax-xita għal ġo l-isqaq li hemm fil-viċinanzi. Din ir-residenta waqgħet f'waħda minn dawn ir-rampi bil-

konsegwenza li ġiet operata b'urġenza għax il-każ kien wieħed gravi. Il-familjari ta' din il-persuna ġew ukoll jinfurmaw il-Kunsill li dawn ir-rampi huma ta' periklu għaliex ommom mhux l-ewwel waħda li waqgħet fihom.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq li tajjeb illi l-Kunsill jieħu parir fuq dawn ir-rampi għax kif jitneħħew in-nies li joqgħodu fl-isqaq ser ikollom problema ta' ilma. Is-sinjura Sultana issuġerit li l-Kunsill jieħu parir mingħand l-avukat .

Il-Kunsill qabel unanamimant li din il-kwistjoni għandha tintbgħat lil Transport Malta dan il-għaliex it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' tagħhom biex minflok dawn ir-rampi jsiru culverts kif hemm f'postijiet oħra.

5.3.9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop talbet il-kummenti tal-kunsilliera kollha rigward il-fatt illi għal din is-sena n-nar tal-art allokat fix-xatt tal-Kalkara ser ikun qed jikber bil-konsegwenza li ser jieħu post il-gabbani li ssoltu jarmaw fil-ġimgha tal-festa. Hija saħħqet illi l-Kunsill għandu jsib post alternattiv għal dawn l-istess gabbani.

Wara diskussjoni kostruttiva bejn il-kunsilliera, dawn qabblu illi l-gabbani ta' l-ikel għandhom jersqu l-fuq lejn Triq Marina fid-daħla tar-Regatta filwaqt li l-gabbani tat-toys jistgħu jibqgħu mal-istess naħa tad-djar bħal kull sena bil-patt u l-kundizzjoni fejn jersqu aktar il-fuq lejn Triq Marina ukoll. Is-Sinjura Sultana issuġġerit ukoll illi l-istalls tat-toys jistgħu wkoll jaraw man-naħa tal-bandli n-naħa t'isfel tat-Triq fejn hemm it-taraġ li jagħti għal fejn il-baħar.

5.3.10 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ippreżentat ilment li rċieva l-Kunsill b'email għal darb oħra rigward it-tneħħija ta' 'ballards' minn kantuniera ma' dar partikolari ġewwa Triq Ċuze Porsella Flores. Din il-kwistjoni kienet ġa ġiet diskussa f'seduti preċedenti fejn it-Transport Malta talab lill-Kunsill tneħħi il-ballards minn dawn l-inħawi. Ir-residenti qiegħedin jenfazizzaw illi qed isirilom ħafna ħsara mal-faċċata peress li huma joqgħodu f'liwja dejqa fejn jgħaddu karozzi u anka inġenji bil-konsegwenza ta' tifrik fl-istess kantuniera tagħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-każ għandu jerġa' jiġi mgħoddi il-Transport Malta biex wieħed forsi jerġa' jikkunsidra t-twaħħil ta' 'ballards' jew alternattiva oħra biex din is-sitwazzjoni tiġi solvuta darba għal dejjem.

5.3.11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill punt li inqala' fil ġranet qabel din is-seduta minn xi residenti li joqgħodu fi Triq il-Kapuċċini fejn ukoll din l-istess kwistjoni kienet diġa inqgħalet fis-snin preċedenti u ġiet diskussa mill-istess Kunsill waqt seduti formali. Dawn ir-residenti qiegħedin jisħqu biex tinqata' siġra tal-ficus li kibret b'mod esaġerat fejn is-soltu l-kunsill

iġib permess mill-era biex tinżabar kif inhu suppost bil-liġi. Dan iż-żbir għal xi residenti mhux biżejjed dan il-għaliex ġo din is-siġra qed ibejtu ħafna għasafar bil-konsegwenza li l-ħmieġ tagħhom qed jirvinaw il-karozzi pparkjati fi Triq il-Kapuċċini kif ukoll qed ikun ta' 'health hazard' għal ħafna.

Waqt din id-diskussjoni s-Sur Gatt wieħed mir-residenti jilmenta kien preżenti fejn spjega s-sitwazzjoni preżenti li qed toħloq din l-istess siġra. Il-Kunsill saħaq u spjega illi fil-verita' din is-siġra taqa' taħt ir-responsabbilita tal-knisja għaliex fejn hi imħawwla tagħmel parti miz-zuntier minn naħa ta' wara. Il-kunsilliera spjegaw ukoll il-Kunsill dejjem żabar din  is-siġra bi pjaċir lill-kappillan. Issa la darba hemm rikjesti li tinżabar b'mod eċċessiv il-kappilan għandu jieħu ħsieb li ġġib il-permessi kollha neċessarji imma finalment id-deċiżjoni finali hija tiegħu u mhux tal-kunsill.

L-istess Sur Gatt qajjem punt ieħor fuq il-problema ta' ħamiem fil-lokal u talab li jinġiebu kaċċaturi professjonali biex dawn jinqatlu darba għal dejjem.

Il-Kunsill saħaq illi ser inkunu qed jiċċekkjaw mal-awtoritajiet ikkonċernati jekk il-metodu għadux l-istess bħas-snin preċedenti meta l-istess Kunsill kien diġa għamel dak li qed jissuġġerixxi s-Sur Gatt rigward il-ħamiem qabel ma tittieħed deċiżjoni konkreta fuq il-qtil tal-ħamiem fil-lokal peress li din hija kwistjoni taħraq u li toħloq kontroversji kbar.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 5.4.1 Vincent Bongailas– Kunsillier

**A.** Is-Sur Vince Bongailas informa l-Kunsill dwar xi tindif ta' dgħajjes li ser ikunu qed jieħdu ħsieb it-Transport Malta fil-ġranet li ġejjin ġewwa in-naħa tax-Xewkija l-Kalkara kif diġa' kien ġie diskuss f'seduti preċedenti.

b. Is-Sur Vince Bongailas irringrazzja lis-Sur Pawlu Bongailas tal-'leaflet' li ħa ħsieb hu stess, kif ukoll wera apprezzament għal fatt kemm ġie sabiħ u ddettaljat.

### Is-Sur Pawlu Bongailas -  Kunsillier

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab il-Kunsill formalment biex jiġi rrapurtat ħajt u skips maħruqin fi Triq Santu Rokku wara ħafna ilmenti mingħand ir-residenti.

Is-Seg. Eżek spjegat illi dan il-punt kien ġa rrapurtat fil-ġranet li għaddew.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab li jsiru sinjali illi Triq il-Kajjik / Triq il-luzzu ma jinfdux.

**C.** Is-Sur Bongailas fakkar lill-kunsilliera dwar l-avveniment tal-Mafkar kif ukoll saħaq illi tajjeb li l-pjazza li tinkludi il-monument tal-istess Mafkar tal-Gwerra tiġi mnaddfa kif inhu xieraq. Huwa saħaq ukoll illi m'għandux għalfejn tasal din l-attivita biex wieħed jieħu ħsieb il-manutenzzjoni ta' dan is-sit, tajjeb li l-ħaddiema jieħdu ħsieb inaddfu u jagħmlu x-xogħolijiet li jkun hemm bżonn matul is-sena kollha.

**D.** Is-Sur Bongailas innota paġna partikolari ipprintjata fuq il-magazine li ħareġ il-Kunsill ftit tal-jiem qabel rigward Ġieħ il-Kalkara fejn in-nies għandhom l-opportunita' ikunu parteċipi f'din l-inizjattiva ġdida approvata mill-istess Kunsill. Huwa saħaq illi tajjeb li r-rigal li jingħata lil dak l-individwu li jkun ser jieħu dan it-titolu tkun xi ħaġa ta' arti magħmula minn artist mill-lokal għal Kalkara stess.

Is-Sinjura Sultana issuġġerit illi tajjeb li l-pubbliku jara din il-biċċa tal-arti li tkun ser tingħata għat-titolu ta' Ġieħ il-Kalkara, forsi tiġi esposta l-Kunsill jew fis-sala tal-paroċċa.

## 5.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 3.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 5.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 5.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 26 ta' April 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fil 5:30 ta filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 20 ta' Marzu, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |